

Brussell, 22 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11517/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0225(NLE)

ENER 375
ENV 764
CLIMA 376
IND 298
RECH 451
COMPET 618
ECOFIN 750

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 361 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 361 final.

Mehmuż: COM(2022) 361 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2022
COM(2022) 361 final

2022/0225 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Matul is-sena li għaddiet, il-provvisti tal-gass mir-Russja kellhom bosta interruzzjonijiet li jistgħu jiġu spjegati biss bħala attentat intenzjonat biex l-enerġija tintuża bħala arma politika. Ir-Russja ilha ħafna snin il-fornitur ewlieni tal-gass tal-UE. Is-sena l-oħra, aktar minn 40% tal-provvisti tal-gass tal-UE kienu jiddependu fuq ir-Russja. Il-provvista tal-gass naqset kontinwament mill-bidu tal-gwerra. Il-flussi fil-pipelines tal-gass mir-Russja huma inqas minn 30% tal-medja tas-snin preċedenti. Tnax-il Stat Membru attivaw l-ewwel jew it-tieni livell ta' kriżi skont il-klassifikazzjoni komuni tal-UE. Dan ix-xokk fil-provvista diġà qed iħalli impatti sinifikanti fuq il-prezz tal-gass, fuq il-prezz tal-elettriku, fuq l-inflazzjoni, fuq l-istabbiltà finanzjarja u makroekonomika kumplessiva tal-UE, u fuq iċ-ċittadini kollha.

M'hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li dan id-deterjorament fil-provvista tal-gass se jieqaf. Illum l-UE qed tiffaċċja l-prospett realistiku ta' interruzzjoni sħiħa u fit-tul tal-provvisti tal-gass mir-Russja, fi kwalunkwe mument. Għalhekk, l-UE trid tkun ippreparata għal dan u tiegħu azzjonijiet preventivi biex ittaffi l-impatti ta' interruzzjonijiet kbar possibbli tal-provvista.

Fl-aħħar għaxar snin, l-UE investiet sforzi sostnuti biex ittejjeb is-sitwazzjoni kumplessiva tas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, b'enfasi partikolari fuq id-diversifikazzjoni bl-iżvilupp tal-infrastruttura, u fuq it-tisħiħ tal-qafas tas-sigurtà tal-provvista tal-gass. Filwaqt li l-qafas attwali nħoloq u mexxielu jindirizza l-interruzzjonijiet tal-immedjat u avvenimenti estremi tat-temp, għadu mhux adegwat biex jindirizza prospettivi inċerti ħafna tal-provvista u qtugħ sostnut qawwi fil-provvista.

Biex twieġeb għar-riskju akbar tax-xitwa li ġejja, fl-aħħar f'it xhur l-UE saħħet ferm il-livell ta' thejjiġa immedjata tagħha għal xi interruzzjoni kbira tal-provvista bħal din: ħadet vantaġġ sħiħ mill-possibbiltajiet tal-qafas legali attwali, introduċiet miżuri biex tinentiva r-riforniment tal-ħażniet, stabbiliet il-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE biex tappoġġa d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass, u bħala parti mill-pjan REPowerEU tat-18 ta' Mejju 2022, ħabbret l-għan li tintemm id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi malajr kemm jista' jkun. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022, il-Parlament Ewropew appella biex jiġi ppreżentat pjan ħalli fl-immedjat tkompli tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni. Fil-31 ta' Mejju u fit-23 ta' Ġunju 2022, il-mexxejja tal-UE fil-Kunsill Ewropew sussegwentement talbu biex itejbu l-livell ta' thejjiġa għal interruzzjonijiet kbar possibbli tal-provvista bħala kwistjoni ta' urġenza biex tkun żgurata provvista tal-enerġija bi prezzijiet affordabbli.

Fid-dawl tal-possibbiltà li jkollna iżjed qtugħ fil-provvista mir-Russja u abbażi tal-ħtieġa li l-UE tindirizza dawn l-isfidi ġodda b'mod konġunt, hu kruċjali li tkompli titnaqqas id-domanda għall-gass ħalli jkunu evitati konsegwenzi negattivi estensivi għaċ-ċittadini u l-ekonomija tal-UE. Ir-Regolament propost joħloq qafas imtejjeb ta' koordinazzjoni għall-miżuri nazzjonali għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass. Dan jintroduċi wkoll il-possibbiltà li l-Kummissjoni tiddikjara livell ġdid ta' kriżi tal-Unjoni, jiġifieri "allert tal-Unjoni", li jiskatta tnaqqis obligatorju fid-domanda mal-Unjoni kollha bil-għan li jissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista tal-gass. L-impenn tal-Istati Membri kollha li jnaqqsu d-domanda għall-gass permezz ta' miżuri tal-għażla tagħhom, jekk ikompli d-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-provvista u jiskatta l-allert tal-Unjoni, hu kruċjali biex tkun evitata l-ħsara ekonomika sinifikanti li jikkawżaw aktar interruzzjonijiet tal-provvista. Bi tnaqqis konġunt u kkoordinat sew fid-domanda jista' jonqos ferm ir-riskju ta' tnaqqis tal-industriji tant kruċjali għall-ktajjen tal-

provvista tal-UE, u tal-kompetittività tal-UE f'każ ta' interruzzjoni kbira tal-provvista. Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni "Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura" tal-20 ta' Lulju 2022, ikun ferm orħos għaċ-ċittadini u l-industrija jekk jaġixxu issa biex inaqqsu d-domanda milli jekk iġarrbu tnaqqis mhux ikkoordinat aktar tard.

L-ammont tal-volumi meħtieġa ta' tnaqqis fid-domanda li se jnaqqas l-impatt tal-interruzzjoni tal-provvista iżda li ma jevitax l-impatti negattivi kollha, jenħtieġ li jkun jikkunsidra l-volumi tad-domanda għall-gass li jistgħu jkunu f'riskju f'każ ta' interruzzjoni sħiħa tal-provvisti tal-gass Russi. Dawn il-volumi jistgħu jitqassmu bejn l-Istati Membri kollha, abbażi ta' paragon mal-konsum medju tagħhom fl-aħħar ħames (5) snin.

Biex ikunu evitati distorsjonijiet sinifikanti tas-suq intern li aktarx jiġru jekk l-Istati Membri jirreaġixxu b'mod mhux ikkoordinat għal xi interruzzjoni ulterjuri potenzjali tal-provvista Russa, hu kruċjali li l-Istati Membri kollha jaġixxu b'mod konġunt u bi spirtu ta' solidarjetà malajr kemm jista' jkun. Filwaqt li xi Stati Membri jaf ikunu esposti iżjed għall-effetti ta' interruzzjoni tal-provvisti Russi, l-Istati Membri kollha se jintlaqtu ħażin u jistgħu jikkontribwixxu biex jillimitaw il-ħsara ekonomika ta' interruzzjoni bħal din. Għalhekk din il-proposta tirrifletti l-prinċipju tas-solidarjetà enerġetika, li dan l-aħħar ikkonfermatu l-Qorti tal-Ġustizzja bħala prinċipju fundamentali tal-liġijiet tal-UE¹. L-Istati Membri li jagħmlu kull sforz biex jimmaniġġjaw l-iskarsezzi tal-gass fit-territorju tagħhom jenħtieġ li jkunu intitolati biex igawdu bis-sħiħ mis-solidarjetà tal-enerġija tal-pajjiżi ġirien tagħhom.

Iżda peress li ċerti Stati Membri, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew fiżika speċifika tagħhom bħal pereżempju għax ma jkollhom l-ebda jew ftit interkonnessjonijiet bil-pipeline ma' Stati Membri oħra, ma jistgħux jilliberaw biżżejjed volumi tal-gass mill-pipelines għall-benefiċċju tal-Unjoni, il-proposta tinkludi l-possibbiltà li daww l-Istati membri japplikaw għal limitu tat-tnaqqis obligatorju fid-domanda.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-istrument propost jistabilixxi miżuri temporanji, proporzjonati u straordinarji. Jikkumplimenta inizjattivi u leġislazzjoni rilevanti eżistenti tal-UE, li tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw minn provvisti tal-gass siguri u li l-klijenti jitħarsu minn interruzzjonijiet kbar tal-provvista.

Dan jorħog loġikament minn inizjattivi eżistenti, bħal "REPowerEU", il-proposta għal Pakkett ta' Dekarbonizzazzjoni tas-Suq tal-Idroġenu u l-Gass², u l-inizjattiva "Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura". L-inizjattiva proposta tikkumplimenta għalkollox il-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass, li diġà stabbiliet sett komprensiv ta' regoli biex iċ-ċittadini u l-kumpaniji jitħarsu aħjar mill-interruzzjonijiet tal-provvista. Ir-Regolament (UE) 2017/1938 introduċa, fost l-oħrajn, pjanijiet ta' emerġenza li l-Istati Membri jeħtieġ iħejju għal livelli differenti ta' kriżi, u jippjanaw miżuri li jistgħu jittieħdu f'każ ta' allert nazżjonali. Iddaħħlu fis-seħħ ukoll għadd ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà biex jiżguraw li l-Istati Membri jikkooperaw bejn il-fruntieri ħalli jiżguraw li l-enerġija tasal għand il-klijenti fl-aktar reġjuni li jeħtieġuha, f'każ ta' interruzzjonijiet tal-provvista. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Pakkett ta' Dekarbonizzazzjoni tas-Suq tal-Idroġenu u l-Gass tinkludi aktar miżuri li jsaħħu l-livell ta' tħejjija għall-interruzzjonijiet tal-provvista.

¹ Is-Sentenza għall-Kawża C-848/19 P (Il-Ġermanja v Il-Polonja).

² Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu, COM/2021/803 final; Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni), COM(2021) 804 final.

Wara l-invażjoni Russa fl-Ukrajna, l-UE stabbiliet il-Pjan REPowerEU biex ittemm id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi malajr kemm jista' jkun u sal-2027. Biex jikseb dan, il-Pjan REPowerEU jistabbilixxi miżuri relatati mal-iffrankar enerġetiku u l-effiċjenza enerġetika, u jipproponi introduzzjoni malajr tal-enerġija nadifa biex tiegħu post il-fjuwils fossili fid-djar, fl-industrija u fil-ġenerazzjoni tal-enerġija. F'dan il-kuntest, l-inizjattiva proposta hi msejsa fuq l-għodod diġà disponibbli għall-UE u hija konsistenti għalkollox mal-għanijiet stabbiliti fir-REPowerEU.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Pakkett ta' Dekarbonizzazzjoni tas-Suq tal-Idroġenu u l-Gass³ tinkludi miżuri oħrajn li jsaħħu l-livell ta' thejjiġa għall-interruzzjonijiet tal-provvista, notevolment b'reviżjoni tar-Regolament (UE) 2017/1938. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Ħżin (UE) 2022/1032⁴ adottat dan l-aħħar, introduċa obbligi tal-ħażna bħala rispons għall-invażjoni Russa fl-Ukrajna, li matulha l-iskarsezzi tal-provvista u ż-żidiet qawwija fil-prezzijiet jistgħu jinħolqu mhux biss minħabba xi falliment tal-infrastruttura jew kundizzjonijiet estremi tat-temp, iżda anki minħabba bidliet ġeopolitiċi, li jwasslu għal interruzzjonijiet itwal jew għal għarrieda tal-provvista. L-obbligi tar-riforniment tal-ħażniet li hemm fir-Regolament (UE) 2022/1032 jikkontribwixxu biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-provvista tal-gass fix-xitwa 2022-2023.

Madankollu, ir-regoli eżistenti dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass mhumiex adattati għalkollox għan-natura u d-daqs tal-isfidi tas-sigurtà tal-provvista li qed niffaċċjaw bħalissa, jiġifieri meta l-livell ta' thejjiġa immedjata jkun essenzjali biex tiġi evitata konsegwenza ekonomika u soċjali severa mill-interruzzjonijiet kbar tal-provvista. Għalhekk, fil-31 ta' Mejju u fit-23 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu talab biex it-thejjiġa għal aktar interruzzjonijiet tal-provvista tal-gass titqies bħala kwistjoni ta' urġenza u b'mod partikolari għal koordinazzjoni aktar mill-qrib mal-Istati Membri u bejniethom.

Il-Komunikazzjoni "Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura" adottata fl-20 ta' Lulju 2022 tistabbilixxi l-għodod li l-Ewropa diġà għandha għal tnaqqis ikkoordinat fid-domanda, u x'jeħtieġ isir aktar biex l-Ewropa tkun lesta għal interruzzjonijiet sħaħ jew parzjali. L-inizjattiva proposta twieġeb għaż-żieda fir-riskji minħabba l-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna, u tikkumplimenta għalkollox ir-regoli eżistenti dwar is-sigurtà tal-provvista. Tistabbilixxi regoli ġodda għal tnaqqisiet ikkoordinati fid-domanda u tintroduċi allert ġdid tal-Unjoni. Infatti, għalkemm il-Kummissjoni diġà għandha l-possibbiltà li tiddikjara emerġenza fil-livell tal-Unjoni, bħalissa ma teżisti l-ebda possibbiltà fil-leġiżlazzjoni eżistenti biex jiġi ddikjarat allert fil-livell tal-Unjoni. Iżda s-sitwazzjoni attwali turi li allert bħal dan jista' jkun utli biex jiżgura li l-Istati Membri kollha jieħdu l-miżuri preventivi meħtieġa biex jevitaw emerġenza tal-enerġija.

Għalhekk, din il-proposta għal strument, li jippermetti thejjiġa kkoordinata għall-kriżijiet billi jintroduċi regoli ta' koordinazzjoni aħjar biex tonqos id-domanda u billi joħloq il-possibbiltà li jiddaħħal tnaqqis obligatorju fid-domanda għall-gass mal-Unjoni kollha, tikkumplimenta l-istrumenti eżistenti, tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista tal-gass u tiżgura l-koordinazzjoni bejn il-miżuri meħuda fl-UE biex tonqos id-domanda.

³ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu, COM/2021/803 final; Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni), COM(2021) 804 final

⁴ Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173/17 tat-30 ta' Ġunju 2022).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija miżura straordinarja li għandha tapplika għal żmien limitat u li hi konsistenti ma' sett usa' ta' inizjattivi li jsaħħu r-reżiljenza tal-enerġija tal-Unjoni u jħejju għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza possibbli. Il-proposta hi wkoll kompatibbli għalkollox mar-regoli tal-kompetizzjoni u tas-suq, peress li hu kruċjali li s-swieq tal-enerġija transfruntieri jkunu jiffunzjonaw ħalli tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista f'każ ta' skarsezzi tal-provvista. Regoli xierqa fil-proposta jiżguraw li l-miżuri nazzjonali ma jfixklux il-kompetizzjoni jew jikkompromettu l-integrità tas-suq intern. Filwaqt li tipprevedi tnaqqis aktar ikkoordinat fid-domanda, tikkonforma wkoll mal-miri tal-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' dan l-istrument hija l-Artikolu 122(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

L-iskarsezza attwali fil-provvisti tal-gass tikkostitwixxi diffikultà serja fil-provvista ta' prodott tal-enerġija skont l-Artikolu 122. Il-mexxejja tal-UE u l-Kummissjoni, saħansitra fix-xhur tas-sajf, diġà identifikaw il-ħtieġa urġenti ta' miżuri addizzjonali għal azzjoni aktar ikkoordinata, ħalli fix-xitwa li ġejja jkunu ppreparati aħjar għal interruzzjonijiet ulterjuri possibbli tal-gass. Permezz tal-miżuri tal-istrument, l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jħejju għal skarsezzi ulterjuri possibbli fil-provvista b'mod ikkoordinat. Għalhekk, hu ġġustifikat li l-istrument propost jiġi bbażat fuq l-Artikolu 122(1) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-miżuri pplanati ta' din l-inizjattiva jikkonformaw għalkollox mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Minħabba l-iskala u l-effett sinifikanti ta' tnaqqis ulterjuri fil-provvista tal-gass min-naħa tar-Russja, hemm bżonn tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE. Jeħtieġ jitħaddem approċċ ikkoordinat bi tnaqqis fid-domanda mal-Unjoni kollha, bi spirtu ta' solidarjetà, ħalli jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' interruzzjonijiet kbar potenzjali tul ix-xhur tax-xitwa meta l-konsum tal-gass ikun oġhla u meta l-Istati Membri se jkollhom jistrieħu parzjalment fuq il-gass maħżun fl-istaġun tal-injezzjoni.

Minħabba n-natura bla preċedent tal-kriżi tal-provvista tal-gass u l-effetti transfruntieri tagħha, kif ukoll il-livell ta' integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija tal-UE, jeħtieġ tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni peress li l-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jindirizzaw b'mod effettiv biżżejjed u b'mod ikkoordinat ir-riskju ta' diffikultajiet ekonomiċi serji kkawżati minħabba żidiet fil-prezzijiet jew minħabba interruzzjonijiet sinifikanti tal-provvista. Azzjoni tal-UE biss – motivata minn spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri – tista' tiżgura li l-interruzzjonijiet tal-provvista ma jikkawżawx ħsara dejjiema liċ-ċittadini u l-ekonomija.

Minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, il-miżura tista' titwettaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, u għalhekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

L-inizjattiva tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Hija fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 122(1) tat-TFUE. L-intervent ta' politika hu proporzjonali għad-dimensjoni u n-natura tal-problemi definiti u għall-kisba tal-oġettivi stabbiliti.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika bla preċedent u t-treddida sinifikanti għaċ-ċittadini u l-ekonomija tal-UE, hemm hteġġa ċara ta' azzjoni kkoordinata. Għalhekk, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-istrument attwali. Il-miżuri proposti huma meqjusa proporzjonati u msejsa kemm jista' jkun fuq approċċi eżistenti, bħall-livelli ta' kriżi eżistenti u l-pjanijiet ta' emerġenza stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1938.

Din il-proposta tistabbilixxi r-risultat finali li jrid jinkiseb, fil-forma ta' proċess għall-istabbiliment ta' obbligu legalment vinkolanti ta' tnaqqis fl-użu tal-enerġija għall-Istati Membri, filwaqt li tagħti awtonomija sħiħa lill-Istati Membri biex jagħżlu l-aktar mezzi effettivi biex jissodisfaw dan l-obbligu skont l-ispeċifikitajiet nazzjonali tagħhom u l-miżuri diġà previsti fil-pjanijiet nazzjonali ta' emerġenza.

- **Għażla tal-istrument**

Filwaqt li qieset id-dimensjoni tal-kriżi tal-enerġija u l-iskala tal-impatt soċjali, ekonomiku u finanzjarju tagħha, il-Kummissjoni jidhrilha li jixraq taġixxi permezz ta' Regolament għax dan ikollu kamp ta' applikazzjoni ġenerali u jkun japplika direttament u minnufih. Dan jirriżulta f'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni rapidu, uniformi u mifrux mal-Unjoni kollha.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba n-natura politikament sensittiva tal-proposta u l-urġenza biex titħejja l-proposta ħalli tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx issir konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Drittijiet fundamentali**

Ma ġie identifikat l-ebda impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali. Il-miżuri ta' dan l-istrument mhux se jaffettwaw id-drittijiet tal-klijenti li huma kkattegorizzati bħala protetti skont ir-Regolament (UE) 2017/1938, inkluż il-klijenti domestiċi kollha. L-istrument se jippermetti tnaqqis fir-riskji assoċjati mal-iskarsezzi tal-gass li altrimenti jħallu implikazzjonijiet kbar fuq l-ekonomija u s-soċjetà.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din l-inizjattiva ma teħtieġx riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

Mhux rilevanti.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 122(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Federazzjoni Russa, il-fornitur estern ewlieni tal-gass tal-Unjoni, bdiet aggressjoni militari kontra l-Ukrajna, Parti Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. L-eskalazzjoni tal-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna minn Frar 2022 wasslet għal tnaqqis ġmielu fil-provvisti tal-gass, bħala attentat intenzjonat biex il-gass jintuża bħala arma politika. Il-flussi fil-pipelines tal-gass mir-Russja tramite l-Belarussja waqfu u l-provvisti mill-Ukrajna naqsu b'mod kostanti. Il-flussi kumplessivi mir-Russja issa huma inqas minn 30% tal-medja tal-2016-2021. Dan it-tnaqqis fil-provvista wassal għal prezzijiet tal-enerġija storikament għaljin u volatili, ikkontribwixxa għall-inflazzjoni, u ħoloq riskju ta' aktar tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fl-Ewropa.
- (2) F'dan il-kuntest, fit-18 ta' Mejju 2022⁵, l-Unjoni ħolqot il-Pjan REPowerEU biex ittemm id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili Russi malajr kemm jista' jkun u sal-2027. Biex jikseb dan, il-Pjan REPowerEU jistabbilixxi miżuri relatati mal-iffrankar enerġetiku u l-effiċjenza enerġetika, u jipproponi introduzzjoni malajr tal-enerġija nadifa biex tieħu post il-fjuwils fossili fid-djar, fl-industrija u fil-ġenerazzjoni tal-enerġija.
- (3) L-Unjoni ħadet aktar miżuri biex iżżid il-livell ta' tħejjija tagħha għall-interruzzjonijiet tal-provvista tal-gass. Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ ġie adottat biex jiżgura r-riforniment tal-ħażniet taħt l-art għax-xitwa li ġejja.
- (4) Barra minn hekk, fi Frar 2022 u f'Mejju 2022, il-Kummissjoni wettqet analiżijiet dettaljati ta' kull pjan nazzjonali ta' emerġenza u għamlet ukoll monitoraġġ fil-fond tas-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-provvista. Il-miżuri meħuda minn Frar 2022 'l hawn tfasslu għal tneħħija gradwali sħiħa tad-dipendenza fuq il-gass mir-Russja sal-2027, u biex jitnaqqsu r-riskji kkawżati minħabba xi interruzzjoni maġġuri ulterjuri tal-provvista.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, il-Pjan "REPowerEU", COM(2022) 230 final.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^[1] tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).

- (5) Madankollu, l-eskalazzjoni riċenti tal-interruzzjonijiet tal-provvista tal-gass mir-Russja tindika riskju sinifikanti li l-waqfien totali tal-provvisti tal-gass Russi jaf iseħħ fil-futur qrib, għal għarrieda u b'mod unilaterali. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tantiċipa dan ir-riskju u tħejji ruħha, bi spirtu ta' solidarjetà, għall-possibbiltà ta' interruzzjoni sħiħa tal-provvisti tal-gass mir-Russja, fi kwalunkwe mument. Jeħtieġ tittieħed azzjoni proattiva immedjata biex jiġu antiċipati aktar interruzzjonijiet u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni għal xokkijiet futuri. Azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni tista' tevita ħsara serja lill-ekonomija u liċ-ċittadini kkawżata minħabba interruzzjoni possibbli tal-provvista tal-gass.
- (6) Il-qafas legali attwali għas-sigurtà tal-provvista tal-gass stabbilit fir-Regolament (UE) 2017/1938⁷ ma jindirizzax kif xieraq l-interruzzjonijiet ta' fornitur ewlieni tal-gass li jtulu iżjed minn 30 jum. In-nuqqas ta' qafas legali għal interruzzjonijiet bħal dawn joħloq riskju ta' azzjoni mhux ikkoordinata mill-Istati Membri, u b'hekk jhedded li jipperikola s-sigurtà tal-provvista fl-Istati Membri ġirien u jaf jixħet piż addizzjonali fuq l-industrija u l-konsumaturi tal-Unjoni.
- (7) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew appella biex jiġi ppreżentat pjan ħalli fl-immedjat tkompli tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni. Fil-laqgħat tagħhom tal-31 ta' Mejju u tat-23 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni biex toħroġ bi proposti li jtejbu l-livell ta' tħejjija għal interruzzjonijiet kbar possibbli tal-provvista bħala kwistjoni ta' urġenza biex tkun żgurata provvista tal-enerġija bi prezzijiet affordabbli.
- (8) L-Artikolu 122(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jippermetti lill-Kunsill jiddeċiedi, fuq proposta tal-Kummissjoni u bi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, dwar il-miżuri xierqa għas-sitwazzjoni ekonomika, b'mod partikolari jekk ikun hemm diffikultajiet serji fil-provvista ta' ċerti prodotti, notevolment fil-qasam tal-enerġija. Ir-riskju ta' waqfien totali tal-provvisti tal-gass mir-Russja sa tmiem din is-sena kif deskritt hawn fuq jikkostitwixxi sitwazzjoni bħal din.
- (9) Minħabba r-riskju imminenti ta' interruzzjoni tal-provvisti tal-gass lejn l-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri issa biex inaqqsu d-domanda tagħhom qabel l-istaġun tax-xitwa. Tnaqqis volontarju bħal dan fid-domanda jgħin b'mod partikolari għar-riforniment tal-kapaċitajiet tal-ħażna, li ma jiġux eżawriti sa tmiem ix-xitwa, ħalli nkunu nistgħu nlaħħqu mal-perjodi ta' kesħa possibbli fi Frar u Marzu 2023 u jiffaċilita r-riforniment tal-ħażniet ħalli jiżgura livelli adegwati ta' sigurtà tal-provvista għax-xitwa 2023-2024. It-tnaqqis fid-domanda għall-gass se jgħin ukoll biex tkun żgurata provvista adegwata u jorħsu l-prezzijiet, għall-benefiċċju tal-konsumaturi tal-Unjoni. Għalhekk, il-miżuri meħuda fil-livell tal-Unjoni biex tonqos id-domanda jkunu ta' ġid għall-Istati Membri kollha għax inaqqsu r-riskju ta' impatt aktar sostanzjali fuq l-ekonomiji tagħhom.
- (10) L-ammont tat-tnaqqis rakkomandat fid-domanda jenħtieġ li jikkunsidra l-volumi tad-domanda għall-gass li jkunu fir-riskju li ma jiġux konsenjati f'każ ta' interruzzjoni sħiħa tal-provvisti tal-gass mir-Russja. Il-volum tat-tnaqqis jenħtieġ li jitqassam bejn l-Istati Membri kollha, abbażi ta' paragun mal-konsum medju tagħhom fl-aħħar ħames (5) snin.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010.

- (11) Biex jiġu indirizzati minnufih l-isfidi speċifiċi tad-deterjorament serju kontinwu u antiċipat tal-iskarsezzi fil-provvista tal-gass u jiġu evitati d-distorsjonijiet bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li, wara konsultazzjoni mal-gruppi tar-riskju rilevanti u mal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass ("GCG"), stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2017/1938, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Istati membri espressi f'dak il-kuntest, tiddikjara allert tal-Unjoni, jekk il-miżuri tat-tnaqqis volontarju fid-domanda ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw ir-riskju ta' skarsezza serja fil-provvista. Jenħtieġ li tliet awtoritajiet kompetenti jew aktar tal-Istati Membri li jkunu ddikjaraw allerti nazzjonali, jingħataw il-possibbiltà li jitolbu lill-Kummissjoni tiddikjara allert tal-Unjoni.
- (12) L-allert tal-Unjoni jenħtieġ li jservi bħala livell ta' kriżi speċifiku għall-Unjoni, li jenħtieġ li jiskatta tnaqqis obligatorju fid-domanda. Dan jenħtieġ li ma jkollu l-ebda impatt legali fuq il-livelli nazzjonali ta' kriżi skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2017/1938. Il-miżuri volontarji jaf waħedhom ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista u l-funzjonament tas-suq. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit strument ġdid li jintroduċi l-possibbiltà ta' tnaqqis obligatorju fid-domanda għall-gass għall-Istati Membri kollha. Dan jenħtieġ li jsir operazzjonali biżżejjed qabel il-ħarifa. Ladarba jiġi ddikjarat allert tal-Unjoni, l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jkunu obbligati jnaqqsu l-konsum tal-gass tagħhom fi żmien definit minn qabel. L-ammont tal-volumi meħtieġa tat-tnaqqis fid-domanda jenħtieġ li jikkunsidra l-volumi tad-domanda għall-gass li jkunu fir-riskju jekk ikun hemm interruzzjoni sħiħa tal-provvisti tal-gass mir-Russja u jenħtieġ li jqis bis-sħiħ it-tnaqqis volontarju fid-domanda li jkun diġà nkiseb tul l-istess perjodu. Il-volum tat-tnaqqis jista' jitqassam bejn l-Istati Membri kollha, abbażi ta' paragun mal-konsum medju tagħhom fl-aħħar ħames (5) snin. Il-volum u l-perjodu tat-tnaqqis obligatorju fid-domanda jenħtieġ li jqisu wkoll il-livell tar-riformiment tal-ħażniet kif irrappurtat skont l-Artikolu 6(d)(1) tar-Regolament (UE) 2017/1938, l-iżvilupp li jikkonċerna d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-gass, inkluż il-provvisti tal-LNG, u l-iżvilupp tas-sostitwibbiltà tal-fjuwils fl-Unjoni.
- (13) Minħabba d-distorsjonijiet sinifikanti tas-suq intern li aktarx jiġru jekk l-Istati Membri jirreaġixxu b'mod mhux ikkoordinat għal xi interruzzjoni ulterjuri potenzjali jew reali tal-provvista Russa, hu kruċjali li l-Istati Membri kollha jnaqqsu d-domanda tagħhom għall-gass bi spirtu ta' solidarjetà. Għaldaqstant, l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jilhq u l-istess miri volontarji u obligatorji ta' tnaqqis. Filwaqt li xi Stati Membri jistgħu jkunu aktar esposti għall-effetti ta' xi interruzzjoni tal-provvisti Russi, l-Istati Membri kollha se jintlaqtu ħażin u jistgħu jikkontribwixxu biex jillimitaw il-ħsara ekonomika ta' interruzzjoni bħal din, kemm jekk jilliberaw volumi addizzjonali tal-gass mill-pipelines jew merkanziji tal-LNG li jistgħu jintużaw minn Stati Membri b'defiċits sinifikanti tal-gass, kemm jekk it-tnaqqis fid-domanda jħalli effett pożittiv fuq il-prezzijiet tal-gass, kif aktarx jiġri bi tnaqqis fid-domanda, u kemm jekk jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq ikkawżati minn miżuri mhux ikkoordinati u kontradittorji tat-tnaqqis fid-domanda. Għalhekk, dan ir-Regolament jirrifletti l-prinċipju tas-solarjetà enerġetika, li dan l-aħħar ikkonfermatu l-Qorti tal-Ġustizzja bħala prinċipju fundamentali tal-liġijiet tal-UE⁸.
- (14) Iżda ċerti Stati Membri, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew fiżika speċifika tagħhom bħal pereżempju għax ma jkollhom l-ebda jew ftit interkonnessjonijiet bil-pipeline ma' Stati Membri oħra, ma jistgħux jilliberaw biżżejjed volumi tal-gass mill-

⁸ Is-Sentenza għall-Kawża C-848/19 P (Il-Ġermanja v Il-Polonja).

pipelines għall-benefiċċju ta' Stati Membri oħra. Għalhekk, dawk l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jitolbu deroga parzjali mit-tnaqqis obbligatorju fid-domanda. Il-Kummissjoni, wara li tivverifika l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni għad-deroga, jenħtieġ li tqis jekk l-Istat Membru rispettiv hux juża bis-sħiħ l-interkonneturi kollha tal-gass tiegħu u jekk hux juża l-faċilitajiet tal-LNG tiegħu biex jidderieġi l-gass lejn Stati Membri oħra sal-aktar punt possibbli, bi spirtu ta' solidarjetà. Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja wkoll il-konsum totali tal-gass kif ukoll l-użu tal-interkonnetturi u tal-faċilitajiet tal-LNG.

- (15) L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jagħżlu l-miżuri xierqa biex jilhqnu t-tnaqqis obbligatorju fid-domanda. Meta jidentifikaw miżuri xierqa biex inaqqsu d-domanda u jagħtu prijorità lil ċerti gruppi ta' klijenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw il-miżuri identifikati fil-Komunikazzjoni “Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura” tal-20 ta' Lulju 2022. L-Istati Membri jenħtieġ li b'mod partikolari jikkunsidraw miżuri ekonomikament effiċjenti bħal irkanti jew skemi ta' sejħiet għall-offerti, li bihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jinċentivaw it-tnaqqis fil-konsum b'mod li jkun ekonomikament effiċjenti. Il-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali jistgħu jinkludu wkoll inċentivi finanzjarji jew kumpensi lill-parteċipanti fis-suq affettwati.
- (16) Kull miżura tal-Istati Membri biex jilhqnu t-tnaqqis obbligatorju fid-domanda jenħtieġ li tkun meħtieġa, definita b'mod ċar, trasparenti, proporzjonata, nondiskriminatorja u verifikabbli, u jenħtieġ li ma tfixkilx il-kompetizzjoni jew il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass jew tipperikola s-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri oħra jew tal-Unjoni. Peress li l-miżuri mhux ibbażati fuq is-suq, bħal dawk imsemmija fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/1938, jaf jagħmlu ħsara partikolari lis-sigurtà tal-provvista tal-gass u lis-suq intern, l-Istati Membri jenħtieġ li jistrieħu fuq mekkaniżmi bbażati fuq is-suq. Jeħtieġ ukoll jitqies l-interess tal-klijenti protetti, li lilhom iridu jkunu żgurati provvisti tal-gass bla interruzzjoni.
- (17) Biex ikun żgurat li l-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda jiġu implimentati b'mod ikkoordinat, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu kooperazzjoni regolari fi ħdan kull grupp tar-riskju kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1938. L-Istati Membri huma liberi li jiftieħmu fuq l-aktar miżuri ta' koordinazzjoni adattati għal xi reġjun partikolari. Il-Kummissjoni u l-GCG jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu ħarsa ġenerali tal-miżuri nazzjonali implimentati mill-Istati Membri u jikkondividu l-aqwa prattiki għall-koordinazzjoni tal-miżuri fi ħdan il-gruppi tar-riskju. L-Istati Membri jenħtieġ li jużaw ukoll korpi oħra biex jikkordinaw l-azzjoni tagħhom meta xieraq, bħal fil-laqgħat tad-Diretturi Ġenerali tal-ministeri nazzjonali tal-enerġija.
- (18) Biex ikun żgurat li l-pjanijiet nazzjonali ta' emerġenza jirriflettu t-tnaqqis volontarju jew obbligatorju fid-domanda stabbilit f'dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru jenħtieġ li tiegħu l-passi meħtieġa biex taġġorna l-pjan nazzjonali ta' emerġenza sal-31 ta' Settembru 2022. L-aġġornament tal-pjan nazzjonali ta' emerġenza jenħtieġ li jindika kif intużaw il-miżuri proposti fil-Komunikazzjoni “Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura” tal-20 ta' Lulju 2022. Minħabba l-perjodu qasir għall-aġġornament, il-proċeduri ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 8(6) sa (11) jenħtieġ li ma jkunux japplikaw. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkonsultaw lil Stati Membri oħra dwar l-aġġornament tal-pjanijiet ta' emerġenza. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tlaqqa' lill-GCG, lill-gruppi tar-riskju jew lil korpi rilevanti oħra biex jiddiskutu kwistjonijiet potenzjali relatati mal-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda.
- (19) Il-monitoraġġ u r-rappurtar regolari u effettivi huma essenzjali għall-valutazzjoni tal-progress li jagħmlu l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri tat-tnaqqis

volontarju u obbligatorju fid-domanda, u għall-kejl tal-impatt soċjali u ekonomiku tal-miżuri kif ukoll l-impatt fuq l-impjeggi. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru jew xi entità oħra maħtura mill-Istat Membru jenħtieġ li timmonitorja t-tnaqqis fid-domanda miksub fit-territorju tagħha u tirrapporta regolarment ir-riżultati lill-Kummissjoni. Il-GCG jenħtieġ li jassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tat-tnaqqis obbligatorju fid-domanda.

- (20) Biex tkun evitata ħsara ekonomika sinifikanti lill-Unjoni kollha kemm hi, hu kruċjali li kull Stat Membru jnaqqas id-domanda tiegħu fil-fażi tal-allert. B'hekk jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed gass għal kulħadd, anki matul ix-xitwa. Għaldaqstant, it-[tnaqqis fid-domanda madwar l-Unjoni](#) hu espressjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà minquxa fit-Trattat. Għalhekk hu meħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tissorvelja strettament li l-Istati Membri jkunu qed iwettqu dan it-tnaqqis obbligatorju fid-domanda. Meta l-Kummissjoni tidentifika riskju li Stat Membru jaf ma jkunx jista' jissodisfa t-tnaqqis obbligatorju fid-domanda skont l-Artikolu 5, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob lill-Istat Membru jippreżenta pjan li jstabbilixxi l-istrateġija u l-miżuri biex effettivament jilħaq it-tnaqqis obbligatorju fid-domanda. L-Istat Membru jenħtieġ li jqis kif xieraq kull kumment u suġġeriment tal-Kummissjoni għall-pjan. Peress li l-prinċipju ta' solidarjetà jagħti lil kull Stat Membru d-dritt li f'ċerti ċirkostanzi jkollu l-appoġġ ta' Stati Membri ġirien, l-Istati Membri li jistgħu jitolbu dan l-appoġġ jenħtieġ li jaġixxu wkoll bi spirtu ta' solidarjetà fejn jidhul it-tnaqqis fid-domanda domestika tagħhom għall-gass. Għalhekk, meta jitolbu miżura ta' solidarjetà skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/1938, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu implimentaw il-miżuri xierqa kollha tat-tnaqqis fid-domanda għall-gass. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li titlob lill-Istat Membru li jitlob miżura ta' solidarjetà biex jippreżenta pjan bil-miżuri għal tnaqqis ulterjuri possibbli fid-domanda għall-gass. Jenħtieġ li jitqies kif xieraq kull kumment li l-Kummissjoni tagħti dwar dan il-pjan.
- (21) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (22) Peress li minħabba l-aggressjoni militari Russa attwali fl-Ukrajna hemm periklu imminenti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidhul fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (23) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, ir-riskju ta' interruzzjoni serja tal-provvisti tal-gass lejn l-Unjoni aktarx li jkun preżenti mill-inqas tul iż-żewġ staġuni tax-xitwa li jmiss. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun validu għal sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Fi tmiem l-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta lill-Kunsill dwar il-funzjonament tiegħu u, jekk ikun xieraq, tipproponi li ttawwal il-validità tiegħu.
- (24) Peress li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda minflok jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-oġjettiv,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli biex jindirizzaw sitwazzjoni ta' diffikultajiet serji fil-provvista tal-gass, biex titħares is-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-UE, bi spirtu ta' solidarjetà. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu koordinazzjoni mtejba, monitoraġġ u rappurtar dwar miżuri nazzjonali tat-tnaqqis fid-domanda għall-gass, u l-possibbiltà li l-Kummissjoni tiddikjara allert tal-Unjoni bħala livell speċifiku ta' kriżi, li jiskatta tnaqqis obligatorju fid-domanda mal-Unjoni kollha.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità governattiva nazzjonali jew awtorità regolatorja nazzjonali maħtura minn Stat Membru biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fir-Regolament (UE) 2017/1938.
- (2) "allert tal-Unjoni" tfisser livell ta' kriżi speċifiku għall-Unjoni li jiskatta tnaqqis obligatorju fid-domanda u li ma jkun relatat mal-ebda wieħed mil-livelli ta' kriżi skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2017/1938.

Artikolu 3

Tnaqqis volontarju fid-domanda

L-Istati Membri għandhom jużaw l-aqwa sforzi tagħhom biex inaqqsu l-konsum tal-gass nazzjonali tagħhom bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u l-31 ta' Marzu 2023 mill-inqas bi 15% meta mqabbel mal-konsum medju tagħhom bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Marzu tul il-ħames snin ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ("tnaqqis volontarju fid-domanda"). L-Artikoli 6, 7 u 8 għandhom japplikaw għal dawk il-miżuri tat-tnaqqis volontarju fid-domanda.

Artikolu 4

Dikjarazzjoni ta' allert tal-Unjoni mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tiddikjara allert tal-Unjoni biss meta jkun hemm riskju sostanzjali ta' skarsezza serja fil-provvista tal-gass jew meta jkun hemm domanda eċċezzjonalment qawwija għall-gass, li għaliha l-miżuri fl-Artikolu 3, kif irrappurtat skont l-Artikolu 8, ma jkunux biżżejjed, u li twassal għal deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass fl-Unjoni, iżda meta s-suq ikun għadu kapaċi jimmaniġġja dik l-interruzzjoni mingħajr il-bżonn li jdur għal miżuri mhux ibbażati fuq is-suq.
2. Il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-gruppi tar-riskju rilevanti, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1938, mal-GCG, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Istati Membri espressi f'dan il-kuntest, tiddikjara l-allert tal-Unjoni bl-inizjattiva tagħha stess jew wara talba mingħand mill-anqas tliet awtoritajiet kompetenti li jkunu ddikjaraw allert fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2017/1938, jew bl-inizjattiva tagħha stess.

3. Meta, wara valutazzjoni, l-Kummissjoni jidhrilha li l-bażi sottostanti għall-allert tal-Unjoni ma għadhiex tiġġustifika d-dikjarazzjoni ta' allert tal-Unjoni, din għandha, wara konsultazzjoni mal-gruppi tar-riskju rilevanti, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1938, u mal-GCG, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Istati Membri espressi f'dak il-kuntest, tiddikjara tmiem l-allert tal-Unjoni u tal-obbligi skont l-Artikolu 5.

Artikolu 5

Tnaqqis obligatorju fid-domanda f'każ ta' allert tal-Unjoni

1. Meta l-Kummissjoni tiddikjara allert tal-Unjoni, kull Stat Membru għandu jnaqqas il-konsum tiegħu tal-gass naturali f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-paragrafu 2 (“tnaqqis obligatorju fid-domanda”).
2. Għall-finijiet tat-tnaqqis obligatorju fid-domanda, tul il-perjodu meta jiġi ddikjarat l-allert tal-Unjoni, il-konsum kumplessiv tal-gass naturali f'kull Stat Membru bejn l-1 ta' Awwissu ta' kull sena u l-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara (“il-perjodu tal-implimentazzjoni”) għandu jitnaqqas mill-anqas bi 15% meta mqabbel mal-konsum medju ta' dak l-Istat Membru bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Marzu (“il-perjodu tal-paragun”) tul il-ħames snin konsekuttivi ta' wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Kull tnaqqis volontarju fid-domanda mksub mill-Istati Membri tul il-perjodu tal-implimentazzjoni qabel jiġi ddikjarat allert għandu jitqies għall-finijiet tat-tnaqqis volontarju fid-domanda.
3. L-Istati Membri jistgħu jitolbu limitu għat-tnaqqis obligatorju fid-domanda sa 5%, diment li jkunu jistgħu juru li ma jistgħux, għax ma għandhom l-ebda jew ftit interkonnessjonijiet ma' Stati Membri oħra, jikkontribwixxu sostanzjalment għal żieda diretta jew indiretta fil-provvista tal-gass lil Stat Membri oħra.
4. L-Istati Membri li jitolbu deroga mit-tnaqqis obligatorju fid-domanda skont il-paragrafu 3 għandhom jippreżentaw evidenza li l-kapaċitajiet tal-interkonnetturi tagħhom ma' Stati Membri oħra jew l-infrastruttura tal-LNG domestika tagħhom qed jintużaw biex jidderieġu l-gass lejn Stat Membru sal-aktar punt possibbli.
5. Qabel tiddeċiedi dwar it-talba għal inqas tnaqqis obligatorju fid-domanda, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-GCG, lill-gruppi tar-riskju, kif xieraq, u lil korpi rilevanti oħra.
6. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba fi żmien xahrejn minn meta tirċievi kull informazzjoni rilevanti mingħand l-Istat Membru.
7. L-Artikoli 6, 7 u 8 għandhom japplikaw għall-miżuri tat-tnaqqis obligatorju fid-domanda.

Artikolu 6

Miżuri biex jinkiseb it-tnaqqis fid-domanda

1. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jagħżlu l-miżuri xierqa biex inaqqsu d-domanda. Il-miżuri għandhom jiġu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, nondiskriminatorji u verifikabbli. Meta jagħżlu l-miżuri, l-Istati Membri għandhom iqisu l-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1938. Il-miżuri għandhom b'mod partikolari:

- (a) ma jfixklux bla bżonn il-kompetizzjoni jew il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass, jew jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri oħra jew tal-Unjoni;
 - (b) ikunu bbażati fuq is-suq;
 - (c) jiżguraw il-provvista bla interruzzjoni tal-gass lill-klijenti protetti jew lil gruppi oħra ta' klijenti skont l-Artikoli 2(5) u 7 tar-Regolament (UE) 2017/1938.
2. Meta jieħdu miżuri tat-tnaqqis fid-domanda, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-miżuri li jaffettwaw lill-klijenti mhux protetti abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti li għandhom iqisu l-importanza ekonomika tagħhom kif ukoll, fost l-oħrajn, l-elementi li ġejjin:
- (a) l-impatt ta' interruzzjoni fuq il-ktajjen tal-provvista kritiċi għas-soċjetà;
 - (b) l-impatti negattivi possibbli fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari fuq il-ktajjen tal-provvista tas-setturi downstream li huma kritiċi għas-soċjetà;
 - (c) il-ħsara potenzjali fit-tul lill-installazzjonijiet industrijali;
 - (d) il-possibiltajiet ta' tnaqqis fil-konsum u ta' sostituzzjoni tal-prodotti fl-Unjoni.
3. Meta jiddeċiedu dwar il-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw miżuri li jnaqqsu l-gass ikkunsmat fis-settur tal-elettriku, miżuri li jħeġġu l-qlib tal-fjuwils fl-industrija, kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni, u obbligi mmirati biex inaqqsu t-tiżin u t-tkessiħ, u miżuri bbażati fuq is-suq li jippromwovu l-qlib ta' fjuwils oħra u jnaqqsu l-konsum mill-industrija.

Artikolu 7

Koordinazzjoni tal-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda

1. Biex tkun żgurata koordinazzjoni xierqa tal-miżuri tat-tnaqqis volontarju u obligatorju fid-domanda skont l-Artikoli 3 u 5, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw flimkien fi ħdan kull wieħed mill-gruppi tar-riskju rilevanti.
2. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha taġġorna l-pjan nazzjonali ta' emerġenza tagħha stabbilit skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2017/1938 sal-[31 ta' Settembru 2022], biex ikun jirrifletti t-tnaqqisiet volontarji fid-domanda. Kull Stat Membru għandu jaġġorna wkoll il-pjan nazzjonali ta' emerġenza tiegħu, kif xieraq, f'każ ta' dikjarazzjoni ta' allert tal-Unjoni skont l-Artikolu 4. L-Artikoli 8(6) sa (10) tar-Regolament (UE) 2017/1938 ma għandhomx japplikaw għall-aġġornamenti tal-pjanijiet nazzjonali ta' emerġenza skont dan il-paragrafu.
3. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-Kummissjoni u lill-gruppi tar-riskju rilevanti qabel ma jadottaw il-pjanijiet ta' emerġenza riveduti. Il-Kummissjoni tista' tlaqqa' lill-GCG u lill-gruppi tar-riskju, filwaqt li tqis il-fehmiet tal-Istati Membri espressi f'dak il-kuntest, biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-miżuri nazzjonali tat-tnaqqis fid-domanda.

Artikolu 8

Monitoraġġ u infurzar

1. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tal-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda fit-territorju tagħha. L-Istati Membri għandhom

jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda tat-tnaqqis fid-domanda u dwar it-tnaqqis fid-domanda miksub lill-Kummissjoni kull xahrejn u sal-15-il jum tax-xahar ta' wara. Il-GCG u l-gruppi tar-riskju għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tat-tnaqqis volontarju u obligatorju fid-domanda.

2. Meta l-Kummissjoni tidentifika riskju, abbażi taċ-ċifri rrapportati tat-tnaqqis fid-domanda, li Stat Membru mhux se jkun jista' jissodisfa t-tnaqqis obligatorju fid-domanda skont l-Artikolu 5, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istat Membru jippreżenta pjan li jstabbilixxi l-istrateġija u l-miżuri biex effettivament jilħaq it-tnaqqis obligatorju fid-domanda. Il-Kummissjoni għandha titlob ukoll lil Stat Membru li jitlob miżura ta' solidarjetà skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/1938 biex jippreżenta pjan li jstabbilixxi l-istrateġija u l-miżuri biex jinkiseb tnaqqis ulterjuri possibbli fid-domanda għall-gass, f'konformità mal-Artikolu 13(3)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1938. Fiż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni bil-kummenti u s-suġġerimenti dwar il-pjanijiet sottomessi li l-Istat Membru għandu jqijs kif xieraq u jinforma lill-Kunsill bl-opinjoni tiegħu.
3. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għal perjodu ta' sentejn mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' dan ir-Regolament fid-dawl tas-sitwazzjoni ġenerali tal-provvista tal-gass lejn l-Unjoni u tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar is-sejbiet ewlenin ta' dak ir-rieżami. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' dak ir-rapport, tippromovi li ttawwal jew tqassar il-validità ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President